---

29 ta' Lulju, 1957

**Imħallef:—**

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Giorgio Borg *versus* Spiridione Riolo

**Appell — Kontumaċja — Art. 226 (1) u 698 (2) u 702 (4) tal-Kap. 15**

*Ma hemmx appell mis-sentenzi mogħtija fuq ammissjoni tat-talba; u sentenza mogħtija fuq il-kapitoli mogħtija in subizzjoni hija bażata fuq konfessjoni prezunta, u ma hix appellabbli kemm il-darba ma tiġix pruvata mill-appellant raġuni tajba li minħabba fiha huwa ma jkunx deher għas-subizzjoni.*

*Din ir-raġuni tajba għandha tikkonsisti f'impediment leġittimu ndipendenti mill-volontà tal-kontumaċi; u għalhekk biżżejjed biex jiġġustifika l-kontumaċja żbalji mhux invinċibbli. Mhix ammessa l-ġustifikaz-*

*zjoni tal-kontumaċja kolpuża; u kwindi ma tirrikorrix il-ġusta kawża rikjesta mill-liġi f'każ ta' negliġenza jew traskuraġni tal-kontumaċi, anki jekk din tikkonsisti f'sempliċi diżattenzjoni; u dan mhux biss meta l-ħtija tkun tal-parti, iżda anki meta tkun tad-difensur mandatarju tiegħu.*

*Il-fatt li d-difensur tal-konvenut ma kkontestax il-kawża għax ma semagħhiex tisseiiaħ, meta kien fil-pożizzjoni li jismagħha, u ma ttendiex li ssejħet għax kien distratt, dan ma jikkostitwix l-impediment leġittimu u involontarju rikjest mill-liġi; u għalhekk il-kontumaċja f'każ simili hija kolpuża.*

Il-Qorti;—Rat l-avviż quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, li biħ l-attur talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tas-somma ta' £6 li huwa nkassa tal-ġurnata xogħol li għamlet ix-char-a-banc tal-attur nru. 3129 fuq il-linja tal-Birgu; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat il-kapitlu tal-attur għas-subizzjoni tal-konvenut, preżentat u approvat fid-29 ta' Mejju 1957;

Rat is-sentenza mogħtija dak inhar stess mill-Ewwel Qorti, fejn ġiet akkolta t-talba tal-attur, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenut naqas u ma deherx, u għalhekk il-kapitolu kellu jittieħed bħala mistqarr;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut......;

Rat iċ-ċitazzjoni tal-imsemmi Riolo quddiem din il-Qorti, li biha talab ir-revoka tas-sentenza fuq miġjuba;

*Omissis;*

Rat il-verbal tas-6 ta' Lulju 1957, fejn l-appellant talab li jipproduċi bħala xhud lill-Maġistrat Giovanni Refalo, li

kien jippresjedi l-Qorti tal-Maġistrati dak inhar li nqatgħet il-kawża;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-inċident tal-kontumaċja;

Illi skond l-art. 226 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, ma hemmx appell mis-sentenzi mogħtija fuq ammissjoni tat-talba; u skond l-art. 698 (2) u 702 (4) tal-istess Kodiċi, jekk il-parti li lilha tingħata s-subizzjoni tonqos li tidher mingħajr ma ġġib raġuni tajba li għaliha tkun naqset li tidher, il-kapitoli jitqiesu mistqarra, u s-sentenza li tingħata fuq dawk il-kapitoli tkun bażata fuq din il-konfessjoni preżunta, u ma tkunx appellabbli kemm il-darba ma tiġix pruvata mill-appellant raġuni tajba li minħabba fiha huwa ma jkunx deher għas-subizzjoni;

Din ir-raġuni tajba, skond il-ġurisprudenza tagħna ormaj kostanti, għandha tikkonsisti f'impediment leġittimu indipendenti mill-volontà tal-kontumaċi; u għalhekk mhux biżżejjed biex jiġġustifika l-kontumaċja żball mhux invinċibbli, peress li dan huwa ekwiparat għal ħtija; u dan minħabba l-prinċipju li "qui sua culpa damnum sentit non videtur damnum sentire". Fi kliem ieħor, mhix ammessa l-ġustifikazzjoni tal- kontumaċja kolpuża (Kollez. XXIX-I-1581; XXXIII-I-830). Għalhekk ma tirrikorrix il-ġusta kawża rikjesta mill-liġi f'każ ta' negliġenza jew traskuraġni tal-kontumaċi (Kollez. XXXI-I-738; XXXV-I-323); anki jekk din tikkonsisti f'sempliċi diżattenzjoni (Kollez. XXXVI-I-387); u dan mhux biss meta l-ħtija tkun tal-parti, iżda anki meta tkun tad-difensur mandatarju tagħha (Kollez. XXXI-I-738);

Illi, premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, jeħtieġ jiġi eżaminat jekk l-appellant iġġustifikax jew le il-kontumaċja tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti. Irriżulta mill-provi illi fid-29 ta' Mejju 1957, il-ġurnata li fiha nqatgħet il-kawża, f'xi

9.05 jew 9.10 a.m., il-purtier ta' dik il-Qorti ħareġ jgħajjat il-kawża bl-ismijiet tagħha, skond il-liġi; id-difensur tal-appellat, li kien ġewwa l-awla, semagħha, għad li fil-kuritur kien hemm ħafna nies; huwa allura ppreżenta lill-Maġistrat sedenti l-kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut; u billi l-konvenut ma deherx, u lanqas ikkontesta għalieħ id-difensur, il-kawża ġiet maqtugħa in kontumaċja. Jekk anki d-difensur tal-konvenut kien dak il-ħin preżenti, kien f'pożizzjoni li jisma kif semgħa d-difensur tal-attur, u jikkontesta l-kawża; iżda dan ma jagħmlux minħabba diżattenzjoni li ma ġietx ġustifikata minn ebda prova; jekk id-difensur tal-konvenut kien distratt, u ma ttendiex li l-kawża ssejħet, dan ma jikkostitwix l-impediment leġittimu u involontarju rikjest mill-liġi; u għalhekk il-kontumaċja hija kolpuża;

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, mhix rilevanti l-prova kif fuq offerta mill-appellant:

Illi, ladarba l-appellant ma ġġustifikax il-kontumaċja, tibqa' kontra tiegħu l-prova tal-konfessjoni tad-dejn imsemmi fl-avviż;

**Għal dawn ir-raġunijiet:**

**Tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenut.**

---